ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 05 IT-TNEJN 10 TA' AWWISSU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jesmond Aquilina, Jerome Caruana Cilia, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Bjorn Azzopardi infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li se jkun imsiefer..

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raġuni bħala validi u għalhekk il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**05/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 04**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 03 li nżammet nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 04 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u

mis-Segretarju Eżekuttiv.

**05/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**05/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li wara l-ittra tal-Kunsill dwar il-varar tal-pubblikazzjoni mis-Soċjeta Filarmonika Pinto, din l-għaqda ħadet azzjoni u fil-Kunċert matul il-ġimgħa tal-festa ta' San Sebastjan stiednu lis-Sindku biex issir il-preżentazzjoni ta' din il-pubblikazzjoni.

**05/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll, li l-Kunsill applika mar-Reġjun Nofsinhar għall-Premju Aċċessibilita' A+ fejn fl-applikazzjoni Kunsill se jkun qed jirranġa infrastruttura ta' rampi quddiem postijiet pubbliċi kif ukoll se nkunu qed inkomplu ngħinu lill-Persuni bi ħtiġijiet speċjali permezz ta' servizzi minn Dar il-Kaptan u se tinxtara għamara għall-użu ta' tfal bi bżonnijiet speċjali fil-librerija Reġjonali.

**05/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li reġgħet ġiet ippublikata s-sejħa tal-offerti għall-Kiri tal-Gabbana ta' Vjal De La Cruz. Intant ġejna infurmati mill-kerrejja preċedenti li fil-gabbana għad għandhom forn li se jħalluh hemm sabiex jaraw jekk il-kerrej li jieħu l-offerta ikunx interessat li jixtri l-forn.

**05/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur li rebaħ l-offerta għall-Kiri tal-Gabbana fi Vjal de La Cruz għadu ma resaqx għall-iffirmar tal-ftehim minkejja li ingħata ħafna ċans b'ittri reġistrati. Il-Kunsill iddeċieda sabiex jingħata l-aħħar ċans sal-10 ta' Ġunju fejn jekk jonqos milli jiffirma l-kuntrattu u jħallas l-ewwel kirja, il-Kunsill jeħodha li l-offerta ġiet abbandunata u tinħareġ offerta mill-ġdid. Intant, il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina talab permess li jekk fl-eventwalita' il-gabbana ma tkunx inkriet sal-festa ta' San Sebasjtan, jinħareġ permess lill-Għaqda tan-Nar San Sebasjtan għall-użu tal-ispazju quddiem l-istess gabbana biex ikunu jistgħu jagħmlu bejgħ ta' xorb u ikel. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**05/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** gibdet l-attenzjoni li l-Gvern Ċentrali beda it-tieni fażi tal-proġett kontra l-għargħar billi qed isiru culverts ġodda fi Triq il-Bard u fi Triq San Gwakkin għal Triq il-Blata, kif ukoll fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni wkoll dwar il-bżonn li jsir culvert fi Triq ix-Xitwa ma' Triq id-Deheb Fin, iżda ġejna infurmati li m'hemmx fondi biex isiru dawn il-culverts għalkemm il-gvern se jkun qed jipprogramma dan ix-xogħol f'eventwalita' fondi ewropej mill-programm ta' fondi li jmiss.

**05/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li beda x-xogħol ta' tindif ta' culverts u li għandu jkun komplut sal-aħħar ta' Awwissu. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat ukoll li l-Kunsill kiteb lill-awtoritajiet konċernati dwar il-bżonn ta' tindif tal-widien kif ukoll tal-culvert il-ġdid li sar fi Triq il-Wied, u dan qabel jibda l-maltemp.

**05/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li wara li l-Kunsill kellu laqgħa dwar l-applikazzjoni PA2558/15, il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall dan l-iżvilupp minħabba li mhux se jkollu impatt ambjentali fuq iż-żona li diġa hija kompromessa minn żvilupp simili.

**05/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill iltaqa' ma' esperti indipendenti li għamlu studju dwar l-impatt ambjentali fuq iż-żona tal-Imrieħel dwar applikazzjoni ta' proġett bl-isem Mrieħel Towers Commercial Centre. Il-Kunsill iddeċieda li f'dan l-istadju m'għandux kummenti x'jagħmel peress l-impatt ambjentali fuq ir-residenti ta' Ħal Qormi mhuwiex effettiv peress li hemm distanza kbira. Madanakollu, il-Kunsill se jkun qed jinvolvi ruħu meta jsir it-Traffic Impact Assessment peress li dan il-proġett jidher li jkollu effett fuq it-traffiku li jgħaddi mill-Imrieħel By-Pass li parti sostanzjali minnha taqa' fil-konfini ta' Ħal Qormi. **DOK 'A'**

**05/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill ġie avviċinat minn artist żgħażugħ sabiex jagħmel mural mal-ħajt tal-iskola ta' San Sebastjan. Dan il-proġett se jkun wieħed minn numru ta' proġetti li se jkunu qed jikkompetu f'kompetizzjoni li nieda l-Gvern. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat li f'laqgħa li kellha mal-Prinċipal tal-Kulleġġ flimkien mal-artist ġie diskuss it-tema ta' dan il-mural li se jkun relatat mat-tema edukattiva.

**05/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** xtaqet tiġbed l-attenzjoni dwar il-mewġa ta' vandaliżmu li l-lokalita' qed issoffri bħalma huma Ġnien Federico Maempel u l-Qormi Sports and Fitness Park. Bħalissa jinsabu għaddejjin investigazzjonijiet mill-Pulizija dwar ħsarat li saru fi Ġnien Federico Maempel peress li ġew identifikati persuni suspettużi.

**05/02/11** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilliera biex fi żmien ġimgħa għandhom jibgħatu artiklu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi ppublikat fid-Dielja peress li din il-ħarġa hija l-ewwel waħda ta' din il-leġislatura.

**05/02/12** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-librar ta' San Ġorġ irreżenja u għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed joħroġ sejħa biex jimtela' dan il-post vakanti. Il-Kunsill iddeċieda biex jippreżenta rikonnoxximent lis-Sur Farruġia li ilu librar f'din il-librerija għal għexieren ta' snin.

**05/02/13** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** għamlet referenza għall-komunikazzjoni li l-Kunsill kien irċieva qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, mill-Ambaxxatur Malti fir-Russja, Dr Carmelo Brincat, dwar il-proposta ta' ġemellaġġ

mal-belt Russa ta' Gatchina. Din il-belt għandha konnessjoni storika mal-Kavallieri ta' Malta. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb lill-Kunsill Lokali ta' Gatchina sabiex nibdew relazzjonijiet magħhom sabiex jiġu identifikati materji ta' interess komuni li eventwalment iwasslu għall-iffirmar ta' ġemellaġġ. **DOK 'B'**

## 05/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' LULJU 2015

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'C1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Lulju 2015
**b)** *Bank Payments* Lulju 2015
**c)** *Petty Cash* Lulju 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 05/04 MOZZJONIJIET

### 05/04/01 MOZZJONI – 12-2015(VII)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-Kunsillier Josef Aquilina iressaq il-mozzjoni nru 12-2015:

*Peress li l-Kunsill ghandu għal qalbu l-ambjent;*

*Peress li r-residenti ta' Triq il-Bħajra, Triq in-Naħal u l-akkwati jixtiequ ambjent aktar sabih u rikreattiv;*

*Nipproponi sabiex isir xogħol ta' tisbiħ fis-soft area ta' Triq il-Bħajra, billi jsiru dawn ix-xogħlijiet b'konsultazzjoni mal-ELC Ltd u l-esperti fl-agrikoltura :-*

*i)* *Tinbidel il-ħamrija*
*ii)* *Is-siġar tal-eucalyptus jinqalgħu u minflok jsiru pjanti*
*iii)* *Napplikaw MEPA biex jinqalgħu is-siġar żgħar tal-Prinjol*
*iv)* *Titpoġġa street furniture ġdida (bankijiet u bins)*

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** li peress li ma setax ikun preżenti għas-seduta xtaq iressaq xi osservazzjonijiet dwar il-mozzjoni. Dawn jikkonsistu billi huwa rrimarka li fil-passat din is-sena stess kien ressaq talba lill-Kunsill biex f'din is-soft area jkun hemm pjanti sbieħ, u ssuġġerixxa li peress li s-siġar tal-*eucalyptus* kien tħawwlu mir-residenti għandha ssir konsultazzjoni magħhom dwar il-qlugħ tagħhom.

**Ivvutaw Favur** Għaxar-il Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 12-2015(VII)** u għaldaqstant għandu jitlob kwotazzjoni lill-ELC Ltd dwar dan it-titjib filwaqt li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti dwar il-punt li tressaq fil-korrispondenza tal-Kunsillier Bjorn Azzopardi.

**05/04/02 MOZZJONI – 13-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lil Viċi-Sindku Jesmond Aquilina iressaq il-mozzjoni nru 13-2015(VII):

*Nipproponi li sabiex jinzamm ambjent xieraq f'din il-pjazza principali ghandhom jittiehdu dawn il-mizuri.*

1. *Issir skip maghluqa gewwa gnien armier bi cwievet jinzammu mis-Sidien tal-hwienet fl-inhawi.*
2. *Jitwahlu numru ta dustbins quddiem u madwar il-Knisja.*
3. *Sorveljanza fuq il-bejjiegha kemm tal-monti u kemm dawk li jarmaw matul il-gimgha.Naraw li dawn ikolhom biex inadfu u ma jhallux il-boroz u kaxxi fl-inhawi.*
4. *Sorveljanza wara t-tindif is-Sibt tal-Monti.*
5. *CCTV cameras fl-inhawi.*
6. *Sorveljanza fuq l-abbuz allarmanti tad-droga li qed ikun hemm.*
7. *Jigi kkumissjonat studju dwar rigenerazzjoni u tisbiħ tal-pjazza fejn*

*ikun hemm ukoll possibilita ta' żoni pedonali f'ħinijiet partikolari .*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat il-mozzjoni.

Fid-diskussjoni **il-Kunsillier Ralph Puli** sostna li din il-mozzjoni hija ripetizzjoni ta' mozzjonijiet li huwa ressaq fil-bidu tal-leġislatura ta' kull Kunsill. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** wieġed li din il-mozzjoni tiegħu hija aktar speċifika u rejalizabbli fejn fil-mozzjonijiet li kien ressaq il-**Kunsillier Ralph Puli** kienu dwar proġetti kbar ġenerali għall-Pjazza Narbona u biex isiru *CCTV* fil-gonna filwaqt li din il-mozzjoni titkellem fuq id-dettalji. **Il-Kunsillier Ralph Puli** kompla jsostni li din il-mozzjoni għandha tiġi rtirata biex turija ta' għaqda fil-Kunsill ladarba mozzjonijiet simili li tressqu minnu diġa ġew approvati. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** wieġeb li din il-mozzjoni tmur oltre minn proġett ta' tisbiħ imma titkellem fuq infurzar partikolarment fuq tal-monti kif ukoll fuq l-abbuż tad-droga. **Il-Kunsillier Ralph Puli** iddikjara li huwa u sħabu l-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista kienu se jivvutaw favur għaliex huma jaqblu mal-kontenut tal-mozzjoni iżda li kienu qed jagħmlu dan b'riserva għaliex jemmnu li ma kelliex tersaq din il-mozzjoni peress li hija ripetizzjoni ta' mozzjonijiet li ressaq hu fil-passat.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 13-2015 (VII).

**05/04/03 MOZZJONI – 14-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiedent lill-Kunsilier Ralph Puli sabiex iressaq il-mozzjoni nru 14-2015 (VII):

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita ta' ħajja aħjar lill familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi;*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li t-toroq f'Ħal Qormi jkunu fl- aħjar stat tagħhom kif jixraq miċ-ċittadini onesti;*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi*

*Jieħu l- passi neċessarji biex fiż-żewġ festi prinċipali jassigura li wara l-marċijiet jinħaslu t-toroq biex b'hekk inaqqas l-inkonvenjent kbir li jibqgħu jsofru r-residenti minħabba x- xorb li jintefa fit-toroq.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda

Fid-diskussjoni **il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li dan il-ħasil diġa isir kemm wara u matul l-festa ta' San Ġorġ kif ukoll wara l-festa ta' San Sebastjan. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** fakkar li fis-snin li għaddew fil-festa ta' San Sebastjan kien hemm oġġezzjoni mill-għaqda tal-armar li jsir dan il-ħasil għaliex sostnew li kienet qed issir ħsara lill-armar tal-festa. Il-Kunsillier Ralph Puli qal li din il-mozzjoni tirreferi għal ħasil ta' toroq li fihom jsir il-marċ u jiġi kkunsmat ħafna xorb.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 14-2015 (VII) iżda jkun meħtieġ li ssir konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-armar biex dan il-ħasil ma' jagħmilx ħsara lil armar.

**05/04/04** **MOZZJONI – 15-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 15-2015(VII):

*Nipproponi biex jiġu ffurmati il-Bordijiet ta' Aġġudikazzjoni ta' Offerti kif ġej:*

*<u>Servizz ta' Contract Manager</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Jesmond Aquilina (Vici-Sindku) , Joseph Aquilina (Kunsillier), Ralph Puli (Kunsillier)*

*<u>Restawr tal-Kappella ta' San Franġisk</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Joseph Aquilina, Ralph Puli, William Lewis jew rapprezentant tieghu (Perit tal-Kunsill), Charles Farrugia (Sotto-Kumitat tal-Wirt Storiku)*

*<u>Servizz minn Youth Nurseries</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia*

*<u>Servizz ta' Accountant</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Marvin Zammit, Ralph Puli, Kenneth Brincat*

*<u>Zamma u Manutenzjoni ta' Gonna</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Joseph Aquilina, Bjorn Azzopardi, Ralph Puli, Martina Brancaleone*

*<u>Xogħlijiet ta' Manutenzjoni u Bini ta' Bankini</u>*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Renald Falzon, William Lewis jew rapprezentant tieghu (Perit tal-Kunsill) Ralph Puli, Robert Cremona*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 15-2015 (VII).

**05/04/05 MOZZJONI – 16-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 16-2015(VII):

*Peress li tnejn mill-istaff fil-Customer Care mix-xahar ta' Ottubru, se jkunu qed johorgu bill-maternity leave (Bernice Darmanin) u/jew reduced hours (Maria Lewis u Bernice Darmanin)*

*Nipproponi sabiex il-Kunsill ikun jista' jibqa' jipprovdi servizz efficjenti lir-residenti tieghu, il-Kunsill jimpjega persuna klerikali fuq bazi part-time wara li jinkisbu l-approvazzjonijiet necessarji mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-ETC.*

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 16-2015 (VII).

**05/04/06 MOZZJONI – 17-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 17-2015(VII):

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita ta' ħajja aħjar lill-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f' Hal Qormi*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li l- wirt storiku jiġi mħares*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi*

*Jieħu l-passi neċessarji biex jsir eżerċizzju estensiv ta' tindif u manutenzjoni fuq it-Tribuna ta' Pinto.*

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 17-2015 (VII) fejn il-Kunsill iddeċieda biex jieħu azzjoni immedjata dwar it-tindif u qtugħ ta' ħaxix minn mat-tribuna filwaqt li għandu jevalwa opportunitajiet ta' fondi għar-restawr tat-tribuna. Intant il-Kunsill jista' jibda billi japplika għall-permessi tal-MEPA biex isir dan ir-restawr.

## 05/05 RAPPORTI

### 05/05/01 APPROVAZZJONI TAL-ABBOZZ TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA TAR-RESTAWR TAL-KAPPELLA TA' SAN FRANĠISK

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jippreżenta l-abbozz tad-dokument tal-offerta tar-restawr tal-kappella ta' San Franġisk kif ippreparat mill-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill approva nem.con id-dokument u għaldaqstant s-sejħa għandha tiġi pppubblikata

**DOK 'D'**

### 05/05/02 APPROVAZZJONI TAL-ABBOZZ TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA GĦAL SERVIZZ TA' CONTRACT MANAGER

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-abbozz ta' din is-sejħa li ġie iċċirkolat mal-aġenda.

Il-Kunsill approva unanimament dan l-abbozz u għaldaqstant għandha toħroġ is-sejħa għall-offerti għal servizz ta' contract manager.

**DOK 'E'**

### 05/05/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAR-RESURFACING U PATCHING TA' TOROQ

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** li kienet ukoll ic-Chairperson fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ressqet ir-rapport li kien jaqra hekk:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' 16 ta' Gunju 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 17 ta' Gunju 2015, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 17 ta' Lulju 2015 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fis-17 ta' Lulju 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Ralph Puli u Joseph Aquilina.*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva offerta waħda biss:-*

| | | |
|---|---|---|
| Central Asphalt Ltd | Rati | **DOK 'F'** |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Renald Falzon u William Lewis ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord innota li peress kien hemm offerta waħda biss, u li din kienet *administrative* u *technical compliance*, il-ġudizzju dwar jekk għandiex tingħata l-offerta tmur dwar jekk ir-rati humiex *fair* and *reasonable*. Wara li l-Bord innota li fil-*comparison table* li għamel il-perit tal-Kunsill, fejn ġie imqabbel il-prezz ikkwotat f'din l-offerta mal-prezz ikkwotat sena ilu, il-Bord innota li hemm żieda żgħira fir-rati, partikolarment fix-xogħlijiet ta' *patching*. Stante din iż-żieda hija waħda minimali, il-Bord qabel li jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Central Asphalt Ltd anke peress li fil-passat offra servizz sodisfaċenti.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-rapport u l-Kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord billi jagħti l-offerta lil Central Asphalt Ltd.**

**Il-Viċi-Sindku Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva l-mozzjoni u għaldaqstant għandha tintbagħat l-ittra ta' aċċettazzjoni lil Central Asphalt Ltd u jiġi ffirmat il-kuntratt għal servizz ta' asfaltar u xogħol ta' patching ta' toroq.**

**05/06 KORRISPONDENZA**

**05/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'G 1-4'**

1. Dwar risposta mill-Għaqda Awturi Qriema, il-Kunsill għandu jwieġeb li hija prassi li l-Kunsill ikollu l-ismijiet tal-persuni li jġorru kariga f'għaqdiet li magħhom jikkolabora f'attivitajiet jew proġetti. Fir-rigward tal-traduzzjoni tal-motto ta' Ħal Qormi, il-Kunsill

għandu jagħmel jġib l-verżjoni uffiċċjali minn awtorita' jew persuna kompetenti fil-lingwa tal-latin.

2. Dwar rakkomandazzjoni mill-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq biex l-Imrieħel by-pass tissemma **Royal Malta Artillery Avenue Road** ma ġietx approvata mill-Kunsill. Il-Kunsill qed joġġezzjona għal din il-proposta għaliex jemmen li l-isem ta' din it-triq li hija waħda ewlenija fil-gżejjer Maltin għandha jkollha isem relatat maż-żona u l-isem ppropost huwa wisq twil u kkumplikat.

3. Dwar il-korrispondenza mibgħuta minn resident biex issir *speed camera* fi Triq Ġuże Duca bejn ir-roundabout ta' Triq Luqa u Triq il-Ħandaq. Il-Kunsill se jgħaddi t-talba lir-Reġjun u lil Transport Malta.

4. Dwar kwotazzjoni biex issir manutenzjoni tan-naħa ta' wara tal-binja tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur980, il-Kunsill approva l-ispiża.

5. Dwar korrispondenza minn resident dwar talba għal pedestrian crossing fi Triq il-Belt Valletta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-perit sabiex jara fejn din tista' ssir u titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

6. Dwar talba għall-permess sabiex isir riċeviment ta' tieġ quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas, il-Kunsill qabel li jirriserva l-post fid-data mitlub iżda għandu jinforma lill-applikant li fix-xhur li ġejjin għandha tiġi ppublikata bye-law li permezz tagħha l-Kunsill jista' jitlob ħlas skont kif tkun tistipula l-istess bye-law.

7. Dwar talba biex Triq 23 t'April ssir one-way min-naħa ta' Triq Pinto, il-Kunsill għandu jressaq it-talba lill-perit sabiex jistudja din il-possibilita', fejn wara l-Kunsill għandu jressaq il-proposta għall-konsultazzjoni tar-residenti u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

8. Dwar talba biex Triq l-Għasel issir one-way, il-Kunsill għandu jressaq it-talba lill-perit tal-Kunsill sabiex jipproponi traffic managment għaż-żona kollha, fejn wara l-Kunsill għandu jressaq il-proposta għall-konsultazzjoni tar-residenti u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**05/07 INFORMAZZJONI**

**05/07/01** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar abbuż ta' ipparkjar illegali li qed joħloq inkonvenjenzi tat-traffiku ta' kull filgħodu fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill għandu jressaq din l-osservazzjoni quddiem ir-Reġjun Nofsinhar u l-Pulizija.

**05/07/02** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni dwar mera mkissra fi Triq ix-Xitwa kantuniera ma' Triq id-deheb Fin. Il-Kunsill għandu jieħu azzjoni.

**05/07/03** **Il-Kunsillier Robert Cremona** ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn li jsiru parking bays fi Triq iċ-Ċawsli u Misraħ iż-Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ix-xogħol diġa jinsab ipprogrammat.

## 05/08 AĠĠORNAMENT

**Is-Sindku Rosianne Cutajar qabel aġġornat il-laqgħa xtaqet tagħmel awgurju lill-Kunsillier Antoine Saliba Haig li għadu kif iggradwa fil-liġi bħala Avukat.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2015.